# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 1850/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Tyrone Cutajar**

Illum 11 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Tyrone Cutajar**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 73691(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Lulju 2023 għall-ħabta ta' 23:40hrs ġewwa Triq it-Tlett Ibliet, Bormla bħala sid tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBZ 093:

1. ġiegħel jew ħalla lil Christabel Muscat (detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 137099(M)) tuża vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni IBZ 093 fit-toroq mingħajr ma

kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' April 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu jħallas multa fl-ammont ta' elfejn, tliet mija u tletin Euro (€2,330) b'dan illi l-multa setgħet titħallas fuq medda ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar f'pagamenti mensili u ugwali. Il-Qorti skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax-il xahar.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-26 ta' April 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha*

*1. stante n-nullita' tas-sentenza appellata, ossia fid-dawl tal-aggravju 'A', tħassar l-istess u tirrimanda l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan sabiex ma tipprivax lill-appellant mill-benefiċċju tad-doppio esame;*

*jew*

*2. Fl-eventwalita' li l-ewwel aggravju u kwindi l-ewwel talba tiġi miċħuda, li tirriforma s-sentenza appellata fid-dawl tal-aggravji 'B' u/jew 'Ċ' u dana billi:*

> *1. Tħassarha in kwantu sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni u kwindi tilliberah minnhom jew tvarja fis-sens ta' piena iktar ekwa u ġusta."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-18 ta' Ġunju 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' April 2024.

Illi fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Affidavit ta' **PC 486 Ryan Camilleri** (*a fol.* 2): Fih jingħad li fis-16 ta' Lulju 2023 kienu qed isiru xi *road checks* f'Bormla fejn għal ħabta tal-11.40pm ġiet imwaqqfa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBZ 093. PC 486 Camilleri jgħid li x-xufier tal-vettura kienet ċertu Christabel Muscat li meta għaddiet il-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura misjuqa minnha rriżulta, skont hu, li hija ma kinitx koperta bl-imsemmija polza. Jgħid ukoll li flimkien ma' Muscat kien hemm ċertu Tyrone Cutajar (l-appellant) li stqarr li kienet qed issuq Muscat peress li hu kien għadu kemm għamel *tatoo* u ma setax isuq.

- Affidavit ta' **PS 1340 A. Bellizzi** (*a fol.* 4): Huwa xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 486 Ryan Camilleri u jagħmel riferenza għal *road checks* li kienu qed isiru fil-lejl tas-16 ta' Lulju 2023 fejn ġiet imwaqqfa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBZ 093 li kienet qed tiġi misjuqa minn ċertu Christabel Muscat. Jgħid li meta Muscat għaddiet il-polza ta' assigurazzjoni rriżulta, skont hu, li hija ma kinitx koperta bl-imsemmija polza u dana peress li kienet tkopri biss lis-sid tal-vettura, *ossia* Tyrone Cutajar.

- **Dr. Maria Attard** in rappreżentanza tas-soċjeta Middlesea Insurance plc (*a fol.* 7) xehdet fir-rigward tal-polza ta' assigurazzjoni tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBZ 093 fir-rigward tad-data tas-16 ta' Lulju 2023. Hija xehdet li l-vettura msemmija kienet koperta fuq l-appellant mill-20 ta'

Marzu 2023 sat-30 ta' Settembru 2023 u li x-*scheduled drivers* kienu l-*policy holder* u kwalunkwe xufier 'il ta' ħamsa u għoxrin (25) sena jew aktar li jkun qed isuq bil-permess jew bl-ordni tal-*policy holder*. Għad-domanda x'jiġri meta l-vettura tkun qed tinstaq minn persuna ta' taħt l-eta', wieġbet li din il-persuna ma tkunx koperta. In kontro-eżami meta mistoqsija tgħid x'jiġri f'każ li jseħħ inċident u s-sewwieq ikollu anqas minn ħamsa u għoxrin (25) sena u li ma jkunx ġie mogħti permess biex isuq, wieġbet li s-soċjeta' tal-assigurazzjoni tkopri lit-terz salv għad-dritt ta' rivalza kontra l-assigurat.

- Fl-atti proċesswali hemm żewġ dokumenti li jidher li huma sempliċi fotokopja. Dawn id-dokumenti huma s-segwenti: *"Motor Insurance Schedule"* ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBZ 093 li tkopri l-perjodu mill-20 ta' Marzu 2023 sat-30 ta' Settembru 2023 (*a fol.* 9) u *"Motor Insurance Certificate"* tal-istess vettura li tagħmel riferenza għall-istess żmien imsemmi (*a fol.* 11).

- Quddiem l-Ewwel Qorti Christabel Muscat għażlet li ma tixhidx stante li ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tagħha.

- L-appellant allura imputat għażel li ma jixhidx quddiem l-Ewwel Qorti.

- Quddiem l-Ewwel Qorti, speċifikament fis-seduta miżmuma fid-9 ta' April 2024 (*a fol.* 6), id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda fir-rigward tal-eta' ta' Christabel Muscat fid-data tal-imputazzjoni *de quo* fejn ġie kkonfermat li għandha erbgħa u għoxrin (24) sena.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jargumenta li s-sentenza appellata hija waħda nulla. Huwa jiċċita Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħid li fil-parti deċiżorja tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ma semmiet l-ebda fatti li setgħu qatt iwassluh sabiex jinstab ħati u li għalkemm ġie misjub ħati baqa' ma jafx għal liema raġuni dan ġara.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li l-ġurisprudenza tgħallem li mhux kull irregolarita' jew impreċiżjoni li jista' jkun hemm fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati twassal għan-nullita' tagħha. Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' sentenza valida. Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi għandu jingħad li n-nuqqas ta' osservanza ta' wieħed jew iktar mir-rekwiżiti msemmija f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jwassal għal nuqqas ta' ħtieġa formali essenzjali li timpinġi fuq is-sentenza u l-alidita' tagħha. F'diversi sentenzi[1] mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta ngħad kif l-elementi msemmija f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma meqjusa *ad validitatem* u jridu jiġu osservati skrupolożament. Din l-iskrupolożita' fl-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti mhix sempliċi formaliżmu iżda hija bbażata fuq il-ħtieġa li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tkun ċara u ma toħloq l-ebda inċertezza f'moħħ l-imputat għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.

---

[1] Ara **Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia** (28 ta' Mejju 1987), **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** (26 ta' Mejju 1994), **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat** (10 ta' Ġunju 1994), **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005 – 27 ta' April 2006), **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia** (Numru 357/2014 – 19 ta' Novembru 2015), **Il-Pulizija vs. Philip Zahra** (Numru 348/2015 – 28 ta' Settembru 2017), **Il-Pulizija vs. Nutar Peter sive Pierre Falzon** (Numru 384/2018 – 17 ta' Jannar 2019).

Illi b'daqshekk ma jfissirx li s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati jridu jkunu eżenti minn kull forma ta' żball jew ineżattezza, anke jekk tkun relattivament żgħira jew minuri. Spiss jiġri li s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati jkun fihom ineżattezzi li pero' mhux neċessarjament iwasslu għan-nullita' tas-sentenza. Huma dawk l-ineżattezzi li jissarrfu fl-inosservanza ta' dawk l-elementi kontemplati f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jwasslu għan-nullita' tas-sentenza. Anke hawn, l-imsemmi Artikolu 382 irid jiġi interpretat fuq naħa b'mod rigoruż, in kwantu jolqot aspetti li jolqtu s-sustanza tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, iżda jrid jiġi interpretat b'mod strett fuq in-naħa l-oħra in kwantu kemm jista' jkun trid tiġi mħarsa l-preżunzjoni tal-validita' u l-integrita' tas-sentenza li tkun ġiet emanata. B'hekk dawn ir-rekwiżiti essenzjali jridu jiġu mħarsa iżda interpretati b'mod strett.[2]

Illi kif ingħad aktar 'il fuq ir-*ratio legis* wara Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom il-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab ħtija.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' April 2024 hemm imniżżel kemm il-piena kif ukoll l-Artikolu tal-liġi li jikkontempla l-imputazzjoni li tagħha l-appellant instab ħati. Fir-rigward tar-rekwiżit tal-"fatti" li jissemma f'Artikolu 382 hawn fuq kkwotat għandu jingħad illi, speċjalment fil-każ ta' kawżi sommarji, dejjem ġie ritenut li r-riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet huwa biżżejjed sabiex jissodisfa dan ir-rekwiżit tal-"fatti". Hekk ingħad minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mariella Caruana** (Numru 326/2010 – 15 ta' Diċembru 2010), **Il-Pulizija vs. John Tanti** (Numru 546/2010 – 24 ta' Jannar 2013), **Il-**

[2] Ara **Il-Pulizija vs. Neil Falzon** (Numru 851/2015 – 6 ta' Diċembru 2022).

**Pulizija vs. Carmel Polidano** (Numru 338/2013 – 11 ta' Diċembru 2013), **Il-Pulizija vs. Peter Abdilla** (Numru 129/2010 – 28 ta' Lulju 2020) u **Il-Pulizija vs. Salvino Debrincat** (Numru 242/2022 – 25 ta' Novembru 2022).

Illi għall-fini tal-aggravju in eżami b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżit tal-"fatti" li jsisemma f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta, fost l-oħrajn, id-data tas-sentenza, l-isem, il-kunjom u l-Karta tal-Identita' tal-appellant u jirriżulta wkoll is-segwenti:

> "Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:
>
> [...]
>
> **BILLI inti akkużat/a** talli fis-16 ta' Lulju, 2023 għall-ħabta ta' 23:40hrs ġewwa Triq it-Tlett Ibliet, Bormla bħala sid tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBZ 093:
>
> 1. Ġiegħelt jew ħallejt lil Christabel Muscat (ID. 137099M tuża vettura bil-mutur Nru. IBZ 093 fit-toroq mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104.**"

Illi minn dan t'hawn fuq ma għandux ikun hemm dubju dwar liema fatti ġie misjub ħati tagħhom l-appellant u minn dak imniżżel fis-sentenza appellata u li ġie hawn fuq ċitat ġie sodisfatt ir-rekwiżit tal-"fatti" imsemmi f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għal kull buon fini din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Jannar 1986 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuel Zammit** fejn ingħad hekk:

> "Meta fis-sentenza appellata ma tirrikorrix id-dikjarazzjoni dwar liema fatti l-appellant instab ħati tagħhom, dan in-nuqqas, skont il-liġi u l-ġurisprudenza kostanti, iġib in-nullita' tas-sentenza appellata, liema nullita' hija anke sollevabbli *"ex ufficio"* mill-Qorti. Meta, pero', is-sentenza originali tkun miktuba fuq iċ-ċitazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redetta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun ġie misjub ħati l-imputat, il-formaliżmu m'hemmx postu u għandha tiġi salvata s-sentenza."

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma jirriżultalhiex li fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti hemm nieqas xi wieħed mir-rekwiżiti li jemerġu minn Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk l-ewwel aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza appellata qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar apprezzament tal-fatti u tal-liġi. L-appellant jisħaq li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-liġi għar-reat addebitat lilu u jsostni li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha fil-grad li huwa rikjest mil-liġi. Jgħid li l-analiżi tal-provi ma saritx b'mod uniformi mill-Ewwel Qorti. Jagħmel riferenza għal ġurisprudenza u jargumenta li huwa prinċipju fundamentali li fi proċeduri kriminali kull min jipprova xi ħaġa, għandu jressaq l-aħjar prova. Jgħid li prova indizzjarja trid tkun waħda univoka, li tippona biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda. Isostni li mill-provi prodotti m'huwiex raġonevoli li wieħed jikkonkludi li tirriżulta l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għal Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża

> vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza."

Illi Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

> "Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-Artikolu 4(4)."

Illi għandu jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti apparti li l-appellant allura imputat għażel li ma jixhidx, jirriżulta li fl-atti proċesswali hemm fotokopja ta' *"Motor Insurance Schedule"* (*a fol.* 9) u *"Motor Insurance Certificate"* (*a fol.* 11). Mid-depożizzjoni tar-rappreżentanta tas-soċjeta' tal-assigurazzjoni jirriżulta li fil-każ odjern persuna ta' taħt il-ħamsa u għoxrin (25) sena (bħal Christabel Muscat) ma kinitx koperta bil-polza ta' assigurazzjoni salv li f'każ ta' inċident is-soċjeta' tkopri lit-terz u jkollhom dritt ta' rivalza kontra l-assigurat.

Illi din il-Qorti hija ben konxja dwar il-fatt li fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna wieħed jista' jinnota diverġenza rigward l-interpretazzjoni ta' Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u dwar il-prova tal-assigurazzjoni. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-18 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Gatt** (Numru 265/2014) fejn ingħad hekk:

> "Issa kwantu l-oneru tal-prova tal-eżistenza tal-polza ta' assikurazzjoni ma hemmx dubju li tispetta lill-imputat. U dan *ai termini* tal-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa l-appellant esebixxa kopja ta' polza quddiem l-Ewwel Qorti u din il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-istess. Din il-polza nħarġet mis-soċjeta'

Middlesea Insurance plc fit-12 ta' Marzu 2013 u kienet effettiva sal-11 ta' Marzu 2014. L-assikurat huwa ċertu Joseph Gatt karta tal-identita' numru 0212759(M) li allura ma huwiex l-appellant li għandu karta tal-identita' numru 258395(M) iżda, u preżumibilment missier l-appellant. Din il-polza tkopri ukoll l-użu tal-vettura NOS 200 li hija l-istess waħda interċettata mill-Pulizija filwaqt li kienet misjuqa mill-appellant. L-polza tindika dawk li huma msejjħa *Limitations as to use* u f'dan il-każ huma: *Use for social domestic and pleasure purposes and for your own business. Excluding use for hire or reward or for tuition, racing, pace making, reliability, trial or speed testing or for any purpose in connection with the Motor Trade.* Dik il-parti intestata ***Authorised Driver/s Details*** imbagħad tindika **<u>biss</u>** *The Policy Holder Only*;

Illi minkejja li l-polza ta' assikurazzjoni tkopri biss lill-persuna li ċertament mhix l-appellant, l-istess appellant jargumenta li kien debitament assikurat u jagħmel dan għal żewg raġunijet. L-ewwel argument tiegħu hu li l-*policy schedule* fil-paġna 19, iġifieri dik sfilzata minn din il-Qorti, tipprovdi dwar dan. Bid-dovut rigward, il-paragrafu ċitat mill-appellant ma jgħidx, wisq anqas, jipprovdi dak pretiż mill-appellant iżda jgħid biss illi f'każ li l-assikurazzjoni tkun kostretta tagħmel tajjeb għall-eventwalitajiet hemm imsemmija **<u>skont il-liġi</u>**, ikollha dritt li tirkupra dak il-ħlas mingħand il-persuna li minħabba fiha ikun sar il-ħlas. L-appellant imbagħad, in sostenn tat-tieni raġuni fl-aggravju tiegħu, jagħmel referenza għal sentenzi ta' din il-Qorti **Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi** (App. Krim. 3.11.2005) u **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti** (App. Krim. 22.1.2014). B'dan, l-appellant irid issaħħaħ l-argument tiegħu illi la darba l-assikurazzjoni hi dejjem marbuta tagħmel tajjeb għal dejn ċivili favur terzi skont il-liġi, allura s-sewwieq ta' vettura huwa dejjem assikurat. Issa, traċċjat l-insenjament tal-Qrati tul iż-żmenijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-Qrati tagħna dejjem fehmu dak li fis-sempliċita'

tiegħu jipprovdi l-Artikolu 3 tal-Kap. 104, iġifieri li ħadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jagħmel dan. Dik is-sentenza iżda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriż ir-Regolatur, sabiex tinħarġilhom u jżommu fis-seħħ il-liċenzji tagħhom bħala assikurazzjoni kompriż l-obbligi tagħhom li jieħu sehem f'*pool* bħala *insurers concerned* ma jistgħax jitqies li jeżonera lil kull sewwieq mill-obbligi tiegħu taħt il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, għad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza għal diversi kawżi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs. André Apap** tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi tagħha **Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi** (3.11.2005), **Il-Pulizija vs. Stefan Apap** (26.4.2007) u **Il-Pulizija vs. Charles Galea** (7.5.2007) u oħrajn *"dwar meta tiskatta l-preżunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104 huwa ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu.."*. Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tagħti xi interpretazzjoni diversa għal Artikolu 3(1) u 3(1A) tal-Kapitolu 104 u għalhekk tqis illi l-appellant ma kienx debitament assikurat."

Illi tenut kont ta' dak li ġie appena ċitat u ta' dak li ngħad aktar qabel, din il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament hawn fuq ċitat. Din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Moira Micallef** (Numru 483/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta, wara li għamlet riferenza għas-sentenza hawn fuq ċitata, għamlet riferenza għal dak li ngħad fil-Parlament meta kienet qed tiġi diskussa l-liġi in kwistjoni u mbagħad qalet hekk:

> "In vista tas-suespost, din il-Qorti temmen illi mhux biss il-vettura għandha tkun assigurata kif enfasizzat l-Ewwel Qorti, iżda wkoll is-sewwieq li jkun qiegħed isuq il-vettura. Fil-każ odjern, is-sewwieq Ryan Azzopardi, ma kellux liċenzja tas-sewqan u għalhekk dan ma setax ikun kopert bil-polza tal-assigurazzjoni esebita fl-atti."

Illi f'sentenza mogħtija fil-11 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gilbert Gatt** (Numru 23/2023) din il-Qorti diversament preseduta saħqet is-segwenti:

> "F'kull każ, anki kieku l-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull *driver* li jirkeb fiha, jkunx licenzjat jew le, jkun ukoll kopert b'polza kontra r-riskji tat-terzi persuni għax jistgħu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b'polza partikolari."

Illi aktar tard fl-istess sentenza appena ċitata ngħad hekk:

> "Għalhekk l-appellat [**recte**: l-appellant] kellux [sic] [**recte**: kellu] raġun meta jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma sabitx lill-appellat ħati tat-tieni akkuża meta fl-istess nifs sabitu ħati tal-ewwel u t-tielet akkuża u dan anke fuq ammissjoni tal-istess appellat."

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak hawn fuq ċitat. Fir-rigward tal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jidher biċ-ċar li Christabel Muscat ma kinitx koperta bil-polza ta' assigurazzjoni maħruġa fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBZ 093 u dana peress li hija kellha anqas minn ħamsa u għoxrin (25) sena.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li anke t-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tiegħu (li l-appellant jirreferi għalih bħala l-ħames wieħed), l-appellant, mingħajr preġudizzju għal dak imsemmi preċedentement, jilmenta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu hija waħda eċċessiva. Jgħid li din il-piena għandha tiġi riformata. Jisħaq li l-Qrati tagħna straħu fuq il-bżonn ta' piena li għandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Jisħaq ukoll li ma għandux il-mezzi finanzjarji sabiex iħallas multa li huwa jiddeskrivi bħala "oneruża" u jgħid li l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tirrendieh suġġett għat-telf ta' xogħol.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li rigward l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu (u ċioè li kien hemm nuqqas ta' polza ta' assigurazzjoni *ai termini* ta' Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta), f'każ ta' ħtija l-piena li tista' tiġi komminata skont Artikolu 3(2)(a) tal-istess Kapitolu hija s-segwenti: fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin Euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien. Għal kull buon fini jingħad li s-sejbien ta' ħtija tal-appellant allura imputat huwa dwar l-unika imputazzjoni addebitata lilu. Din il-Qorti tqis li ma hemm xejn sproporzjonat fil-fatt li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant allura imputat iħallas multa ta' elfejn, tliet mija u tletin Euro (€2,330) meta din hija ftit ċenteżmi aktar mill-minimum li l-Ewwel Qorti setgħet tikkundannah iħallas.

Illi dwar l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax (12)-il xahar hekk kif deċiż mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat, din il-Qorti tinnota li Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> "Kull min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu għandu (ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika) jiġi

> skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati:
>
> [...]."

Illi minn dak appena ċitat jirriżulta li l-iskwalifika ta' tnax (12)-il xahar hija l-minimum li l-Ewwel Qorti setgħet timponi fiċ-ċirkostanzi b'dan illi l-Qorti tista' tikkunsidra mod ieħor jekk ikun hemm *"raġunijiet speċjali"* u mingħajr preġudizzju għal perjodu itwal. Din il-Qorti ma tistax tinjora n-natura tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat u li huwa nstab ħati tagħha. Apparti minn dan, din il-Qorti kkonfermat is-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward ta' din l-imputazzjoni. Għandu jingħad li l-appellant qal li l-iskwalifika tal-liċenzja tirrendieh suġġett għat-telf ta' xogħol mingħajr ma qal xejn aktar. Din il-Qorti ma tqisx li din ir-raġuni msemmija mill-appellant fit-tielet aggravju għala għandu jkun hemm temperament fl-iskwalifika tal-liċenzja tiegħu bħala *"raġunijiet speċjali"* imsemmija f'Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-4 ta' Awwissu 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Azzopardi** (Numru 129/2006) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "[...] il-fatt li l-appellant jaħdem bhala *driver* tal-*containers* ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-liġi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, għax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqgħod attent fis-sewqan tiegħu, għax ikun isuq il-ħin kollu, għandu xi immunita' mill-kastig meta jinqabad isuq ħażin."

B'hekk, għal dawn ir-raġunijiet kollha, anke t-tielet aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Tyrone Cutajar u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi:

- filwaqt li jiġi speċifikat li l-multa fl-ammont ta' elfejn, tliet mija u tletin Euro (€2,330) tista' titħallas fuq medda ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar f'pagamenti mensili u ugwali, liema perjodu jibda jgħaddi mil-lum,

- jiġi speċifikat ukoll li l-iskwalifika milli l-appellant ikollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax (12)-il xahar għandu jibda għaddej minn nofs il-lejl u minuta ta' għada fil-għodu.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**